# IS-SORPRIZA

L-ghada filghodu, il-villagg kollu qam kmieni u hejjew il-pjanijiet ghall vjagg ta' Jacques u n-nannu. In-nies tal-villagg tawhom lista ta' hwejjeg necessarji u l-flus biex jixtrulhom. Imma kif kienu ser jibdew il-vjagg taghhom lejn ix-xmara in-nies kellhom sorpriza. Mix-xabta kbira principali dahal trakk kbir b'bandiera amerikana tperper fuq il-bonnet. Kien misjuq minn mara zaghzugha liebsa uniformi griza. Hdejha bilqieghda kien hemm mara ohra aktar kbira fis-snin liebsa b'uniformi bhala iggorr maghha bagalja sewda tal-medicina.

It-tfajla waqqfet il-magna u nizlet mit-trakk, avvicinat lin-nies ta' Fontanelle u sellmitilhom bi tbissima. "L-ghodwa t-tajba," qaltilhom Susan bi Franciz perfett. "Ahna Amerikani u gejna hawn biex insewwulkom djarkom u lil Franza taghkom. Ahna l-Amerikani nhobbuhom il-Francizi u nammirawkom. Il-gvern taghkom tana permess biex nibdew minn hawn u weghdna li ser insibu ghajnuna mis-suldati fil-kamp vicin. Bil-flus li gibna mill-Amerka nixtru l-materjal mehtieg u bil-ghajnuna taghkom u tas-suldati naraw kif nistghu nghinu."

Ghall-mument kien hemm skiet.  Ma setghux jemmnu l-kliem li semghu. Raw li l-fortuna kienet qed iddur favurhom wara tant dieqa u sofferenzi li ghaddew minnhom. Kien Pierre li kiser is-skiet u f'radda ta' salib nehha l-berritta minn fuq rasu gholliha fl-ajru u ghajjat," Viva l-Amerka."

"Viva l-Amerka" ilkoll ghajtu n-nies tal-villagg.

It-tfajla dahqet. "Viva Franza" irreciprokat. "Ejjew araw x'ghandna ghalikom f'dan it-trakk hanut. Imma l-ewwel irrid nintroducikom lil Dr. Miller. Hija tabiba li giet biex tikkura li dawk li forsi hemm morda fostkom.

It-tabiba nizlet mit-trakk, tbissmet u hadet b'id kulhadd. "Hemm xi haga li tixtiequ tixtru mit-trakk. Il-prezzijiet huma immarkati fuq kull oggett."

Kullhadd deffess rasu kif seta u quddiemhom raw dak kollu li kellhom bzonn, zerriegha, pali u kull tip ta' ghodda mehtiega ghax-xoghol ta' l-ghelieqi. Mhux biss imma anke kull tip ta' ikel li kienu ilhom ma jaraw, ahseb u ara kemm daqu.

"Dan it-trakk fih il-barka tal-genna," esklamaw xi whud. Ma damx wisq biex in-nies zvojtjaw it-trakk. L-oggetti kienu irhas hafna u jlahhqu ghall-but ta' kullhadd.

“Tistghu tigu mieghi fl-appartament tieghi fl-istalla,” talbet Antoinette kordjalment liz-zewg nisa. “Nahseb li tinsabu ghajjenin mill-vjagg taghkom”

“Imma l-ewwel irridu naraw lil Kmandant tal-Kamp,” qalet it-tabiba, “u imbaghad inkunu obbligati hafna jekk issibulna xi haga x’nieklu. Importanti li naraw jekk id-djar taghna waslux.”

“Id-djar taghkom!” stghageb Pierre. “Possibbli Madame, li ggorru d-djar taghkom bhal bebbux?” kompla jistaqsi t-tfajjel innocentement.

It-tabiba dahqet. “Mhux bhal bebbux. Id-djar taghna jaslu qabilna f’bicciet mal-provivsti ta’ l-armata u ma ghandix dubju li qeghdin ghand il-Kmandant.”

“Mur maghhom Pierre wassalhom sal-kamp,” stednitu ommu, “u meta tigu lura ser inkun hejjejtilkom l-aqwa ikla li d-dar fqira tieghi tista’ toffrilkom f’dan il-mument.”

Pierre mexa’ maghhom lejn il-kamp xi mil ‘l boghod mill-kastell. Il- jiem li gew wara dehru ghat-tewmin u ghal l-abitanti ta’ Fontanelle, bhala serje ta’ mirakli.

L-ewwel miraklu ghalihom kien il-wasla tad-djar portabbli. Kienu ghadhom bilkemm lahqu spicca l-ikla taghhom li ma lemhux trakk kbir mghobbi bil-partijiet

tad-djar portabbli diehel mix-xabta l-kbira principali tal-kastell. Warajh segwa trakk iehor b'kumpannija zghira ta' suldati mill-Foreign Legion, mibghuta mill-kmandant tal-kamp. Is-suldati kienu amerikani u Pierre u Pierrette kienu ferhanin ser itiru meta raw li fosthom kien hemm Jim u Uncle Sam. Uncle Sam kien il-kmandant ta' l-iskwadra li kellha r-responsabilita' li tibni dawn id-djar portabbli.

Il-kastell sar lok biezel hafna, bis-suldati qishom nahal go xehda ghasel. Fi jum wiehed bnew dar u ohrajn bhalhom imbnew gewwa l-kastell. L-ghada waslu zaghzagh nisa amerikani b'aktar ikel. Madame Antoinette Meraut kienet inkarigata li thejji ikliet ghall-familja taghha u dawk in-nies kollha li kienu qed jahdmu fil-kastell.  It-tabiba fethet spizerija u l- store fejn qieghdet ghall-bejgh affarijiet ta' provisti li kienu gabu maghhom dawk is-sitt ufficjali zaghzagh nisa.

Jacques flimkien man-nannu hadmu fil-gonna tal-kastell flimkien ma' Pierre u Pierrette billi ghazqu l-hamrija u zerghu biex l-ghelieqi jaghtuhom il-frott fi zmienu.

Mill-inhawi tal-vicin bdew gejjin nies morda biex it-tabiba tikkurhom. Iz-zaghzagh nisa amerikani bdew l-

istess xoghol ta' fejda ma kull min kien jehtieg l-ghajnuna taghhom.

Uncle Sam u Jim kienu spiss jigu fil-kastell u saru hbieb ma' kulhadd. Jekk kien ikun jonqos xi haga, fil-kastell dawn kien jirnexxilhom b'xi mod jew iehor iwassluha ghall-gid tan-nies li kienu joqghodu hemm hekk ghax mhux dejjem l-ufficjali nisa kien jirnexxilhom igibu dak li jkollhom bzonn.

Jum minnhom it-tabiba qalet lil Jim, "Kemm nixtieq li insibu xi mezz kif iggibulhom baqra tajba lil dawn in-nies. Iz-zghar ghandhom nuqqas ta' nutriment u ftit halib zgur li jaghmillhom tajjeb ghal sahhithom. Imsieken il-Germanizi hadulhom kollox sahansitra garrewlhom il-merhliet."

Gimgha wara, Jim deher fil-kastell jigbed baqra li ma' qrunha kellha kartuna zghira. It-tabiba nehhiet il-kartolina u qratha. "Lit-tabiba Miller ghaz-zghar tal-kastell ta' Fontanelle."

"Il-Kmandant baghat dan ir-rigal haj ghat-tfal ta' Fontanelle."

Il-baqra kienet success u meta rat kemm it-tfal u t-trabi pprogressaw f'sahhithom, kienet deciza li ggib aktar baqar u xi tigieg biex ikun hemm il-bajd. Baghtet lil Jim

Parigi biex tara jekk jistax iggib dak li talbet. Irnexxilha u meta waslet fil-kastell infurmat lit-tabiba li kunsina ta' bhejjem ser jaslu fl-istazzjon l-aktar vicin, xi hames mili 'l boghod.

"Ser ikollkom zewg baqriet, zewg iqzieqez, zewg moghziet, ghaxar pari fniek u sittin ttjur," qalet lil Antoinette.

"Oh," stghagbet Antoinette, "fejn ser impoggu dawn kollha. Irridu nohorgu mill-istallel biex indahhlu l-baqar."

"Le, le," qaltilha t-tabiba "irridu nsibu mezz kif niehu hsieb dawn il-bhejjem. Il-baqar jistghu joqghodu barra flimkien mal-moghoz u jirghaw fuq il-haxix. Nistghu indawru r-roqgha taghhom bi zkuk biex inzommuhom fl-istess lok. Imma rridu nsibu post sigur ghal l-ohrajn. Ghat-tigieg irridu nsewwu d-dar taghhom."

"imma hemm toqghod Madame Corbeille. X'jigri minnha u mit-tfal taghha?"

"Haga hafifa. Hemm hafna spazju fl-istalla tieghek, mhux hekk. Per ezempju hemm il-kmamar tal-qamh. Dawk eccellenti ghalihom. U t-tfal tieghek jaghtu daqqa t'id biex jimbnew il-gallinari ghall-fniek. U hekk irrangajna kollox."

Kollox mexa’ skont il-pjan tat-tabia. Meta wasal il-jum li l-bhejjem jaslu l-istazzjon tal-ferrovija Susan irrangat li Antoinette flimkien ma’ uliedha u erba’ ufficjali ohra nisa jmorru biex jigrubhom.

Susan qaltilhom ” It-tjur u l-fniek ma hemmx problemi li jinhattu ghaliex dawn gew fil-gaggeg u nqeghduhom fit-trakk fuq in-naha ta’ gewwa nett, imma rigward il-baqar, il-hniezer u l-moghoz ser ikollna bicca xoghol. Qatt kellek esperjenza biex tmexxi l-baqar jew moghoz jew hniezer”. U ndirizzat l-ahhar mistoqsija lil Madame Meraut.

“Biex immexxi l-baqar ghandi ftit, imma esperjenza ghall-moghoz u l-hniezer ma nhiex kapaci,” wiegbet Antoinette.

“Tajjeb hafna, ” qalet Susan. “Madame Meraut timxi hi fuq quddiem mal-baqar. Inti Kathleen u Louise”, kompliet tghid filwaqt li daret lejn iz-zewgt tfajliet lebsin l-uniformi griza,” intom hudu hsieb il-moghoz. Marija u Marta jiehdu hsieb il-hniezer. Pierre u Pierette jhejju ruhom ghal xi bzonn li jista’ jinqala’.”

Dan il-vjagg kemmxejn twil kien ta’ avventura ghal Pierre u Pierrette sakemm waslu fit-tard gewwa Fontanelle. Meta waslu tard filghaxija sabu platt

minestra shuna kif kienet taf taghmel Madame Meraut. Wara li kielu bix-xaba, kulhad midd rasu fuq l-imhadda u raqad.